

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 119/2013

tal-11 ta' Frar 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2214/96 li jikkonċerna indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP): trasmissjoni u tixrid ta' sottoindici tal-HICP, rigward l-istabbiliment tal-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-konsum fuq rati tat-taxxa kostanti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 u l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95, l-Istati Membri huma meħtieġa jipproduċu indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-Konsum (HICP).
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2214/96 ⁽³⁾ jstabilixxi is-subindiċijiet tal-HICP li għandhom jiġu prodotti mill-Istati Membri, u pprovduti lill-Kummissjoni (Eurostat) u mxerrda minnha.
- (3) Għall-inflazzjoni tal-analiżi u għall-valutazzjoni tal-konverġenza fl-Istat Membri, huwa meħtieġ li jinġabar it-tagħrif dwar l-impatt tal-bidliet ta' taxxi fuq l-inflazzjoni. Għal dan l-għan, l-HICP għandhom addizzjonalment jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' prezzijiet tar-rati tat-taxxa kostanti minflok ma jiġu kkalkolati fuq il-prezzijiet osservati fil-forma ta' indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-konsum frati tat-taxxa kostanti (HICP-CT).
- (4) Għandu jiġi stabbilit u miżmum qafas metodoloġiku komuni għall-għbir ta' HICP-CT, biex jinkisbu riżultati affidabbli u kumparabbli mill-Istati Membri kollha.
- (5) Tqies il-prinċipju ta' kosteffettività skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95.

- (6) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2214/96 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, għandu jidher is-subparagrafu li ġej:

“L-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-konsum bir-rati tat-taxxa kostanti tfisser indiċijiet li jkejlu bidliet fil-prezzijiet tal-konsum mingħajr l-impatt tal-bidliet fir-rati tat-taxxi fuq il-prodotti matul l-istess perjodu ta' żmien.”

- (2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Il-produzzjoni u l-għoti ta' subindiċijiet

1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu u jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) kull xahar bis-subindiċijiet kollha (l-Anness I) li għandhom piż li jkopri aktar minn parti waħda f'elf tal-ispiża totali koperta mill-HICP. Flimkien mal-indiċi għal Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar il-ponderazzjoni korrispondenti lill-Kummissjoni (Eurostat).

2. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipproduċu u jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) kull xahar bis-subindiċijiet ikkalkulati skont ir-rati tat-taxxa kostanti (HICP-CT). Il-Kummissjoni (Eurostat), b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandha tistabilixxi linji gwida li jipprovdu qafas metodoloġiku għall-kalkolu tal-indiċi u subindiċijiet tal-HICP-CT. Meta jkun iġġustifikat kif xieraq, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha taġġorna l-metodoloġija ta' referenza, skont l-arranġamenti proċedurali approvati mill-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea.

3. L-indiċijiet għandhom jiġu pprovduti skont l-istandards u l-proċeduri għall-għoti ta' dejta u metadejta kif stabbilit mill-Kummissjoni (Eurostat).”

⁽¹⁾ ĠU L 257, 27.10.1995, p. 1.

⁽²⁾ L-opinjoni għandha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽³⁾ ĠU L 296, 21.11.1996, p. 8.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jieħu effett mal-indiċi għal Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO
